MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tad-29 ta' Settembru, 2003

Numru 92/2003

**Artikolu 4 tal-Kap 233, l-artikolu 45 tal-Kap 204 u l-artikolu 46 tal-Kap 204 tal-Ligijiet ta' Malta**

**Il-Pulizija**

**Spettur Bernard Zarb**
**V**

**LUDVIC CAMILLERI**

**Il-Qorti;**

Rat li l-imputat **LUDVIC CAMILLERI** ta' hamsa w ghoxrin sena bin Anthony u Rita nee Mifsud, imwieled Pieta nhar s-sbatax ta' Marzu 1976 u joqghod 'Nid D'Amour', Triq ix-Xmiexi, Imsida, detentur tal-karta tal-identita numru 167476M, gie mressaq quddiemha akkuzat talli f'dawn il-Gzejjer fit-tmintax ta' Frar 2002 u fil-granet ta' qabel u dawk ta' wara;

1. Minghajr permess tal-Ministru, xtara jew issellef xi deheb jew flus barranin minghand, jew biegh

jew sellef xi deheb jew flus barranin lil xi persuna ohra li ma kienetx negozjant awtorizzat;

2. Talli kellu fil-pussess tieghu u mexxa bil-jetti ta' flus u cioe tmien karti ta' hames mitt Deutsche Mark li kien jaf jew li ma kienx jaf li kienu falsifikati; u

3. Talli minghajr awtorita legali jew minghajr skuza legittima jew ragonevoli [liema prova tkunj fuq l-akkuzat] xtara jew ircieva minghand xi persuna jew kellu fil-kustodja jew pussess tieghu biljetti ta' flus falsifikatiu cioe Deutsche Marks li kien jaf li l-istess kienu ffalsifikati.

Rat l-atti kollha tal-kawza w d-dokumenti esibiti.

Semghet lil imputat jiddikjara li huwa hati tal-akkuzi kif dedotti fil-konfront tieghu u dan fis-seduta tad-disgha w ghoxrin ta' Settembru 2003 kif jirrizulta mill-ezami li sar ai termini tal-artikolu 370(4), 390(1) u 392 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-artikolu 453(1) tal-Kap 9 u cioe wara li l-imputat wiegeb li hu hati din l-Qorti wissietu b'mod l-aktar solenni fuq l-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba tieghu u taghtu zmien xieraq biex jekk irid jerga lura minnha u kien wara li staqsietu t-tieni darba li l-Qorti ghaddiet biex taghti kaz din l-ammissjoni tieghu.

Illi ghalhekk fuq ammissjoni tal-stess imputat, l-Qorti tiddikjara li qed issbu hati tal-akkuzi kollha kif dedotti kontra tieghu.

Semghet l-partijiet jittrattaw dwar il-piena fis-seduta tad-disgha w ghoxrin ta' Settembru 2003.

Il-Qorti qiset l-ko-operazzjoni tal-imputat mal-Prosekuzzjoni sa mill-bidu nett tal-investigazzjoni u sussegwentement tul il-proceduri l-Qorti u ghalhekk ma nhela ebda hin pressjuz tal-Qorti, u li ghalkemm ammissjoni bikrija mhux bilfors jew dejjem jew b'xi forma ta' dritt jew attendibilita ssarraf f'riduzzjoni fil-piena, ir-

regolamenti generali jghidu li imputat ghandu jibbenefika minn skont fil-piena.
Illi ghalhekk il-Qorti thoss li dawn ic-cirkostanzi fuq imsemmija kollha huma ragunijiet validi ghall-mitigazzjoni fil-piena fil-konfront tal-imputat odjern.

**Ghalhekk il-Qorti tiddikjara, wara li rat l-artikoli tal-ligi partikolarment l-artikolu 4 tal-Kap 233, l-artikolu 45 tal-Kap 204 u l-artikolu 46 tal-Kap 204 tal-Ligijiet ta' Malta li ssib lil imputat LUDVIC CAMILLERI taht tal-akkuzi kollha kif dedotti kontra tieghu fuq ammissjoni tieghu stess u tikkundannah ghall-hlas ta' multa ta' mitt lira maltin.**

**Oltre dan tordna l-konfiska tal-flus esibiti f'dawn l-atti favur il-Gvern ta' Malta.**

**Il-Qorti tordna wkoll li ai termini tal-artikolu 401(3) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, kopja ta' din s-sentenza u l-atti kollha ta' dan il-procediment jintbaghtu lil Avukat Generali fiz-zmien moghti fil-ligi.**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------